

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

**2008/0152(COD)**

22.1.2009

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar  
skema ta' Ekotikketta Komunitarja  
(COM(2008)0401 – C6-0279/2008 – 2008/0152(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Nikolaos Vakalis

PA\_Legam

## **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

### **Kontenut u skop**

Il-proposta, kif emendata hawn taħt, hi mmirata biex il-konsumatur jiġi ggwidat lejn prodotti u servizzi li ma jagħmlux ħsara għall-ambjent billi tingħata Ekotikketta, tikketta ta' eċċellenza, għall-prodotti u s-servizzi li jkollhom l-aħjar prestazzjonijiet fil-kuntest ta' kriterji ambjentali. Il-logo tal-Ekotikketta (Fjura UE) għandu jintuża mill-produtturi bħala għodda għall-kummerċjalizzazzjoni u bħala mezz ta' promozzjoni għal dawk il-prodotti u s-servizzi. Tiegħu post ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 dwar skema riveduta tal-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja, li jbati mill-fatt li ftit hemm għarfien tat-tikketta u li ma tantx ġiet adottata mill-industrija, u dan jirriżulta minn proċessi u mmaniġġjar li huma burokratiċi żżejjed.

### **L-aspetti rilevanti għall-Kumitat ITRE**

Ir-reviżjoni tar-regolament dwar l-iskema tal-UE għal Ekotikketta għandha l-potenzjal li jkollha impatt pożittiv fuq l-effiċjenza tal-enerġija u l-kompetittività industrijali fl-UE.

L-ewwel nett, ir-reviżjoni tal-Ekotikketta tal-UE tipprevedi sistema aħjar għat-twaqqif ta' kriterji li se tistabbilixxi jekk l-UE hix se tkun minn ta' quddiem bi standards ta' effiċjenza tal-enerġija li jkunu aġġornati u ambizzjużi, imma li jkunu jistgħu jintlaħqu.

It-tieni nett, ir-reviżjoni tal-iskema għandha l-potenzjali li lin-negozji tipprezentalthom opportunitajiet addizzjonali. Jistgħu jużaw il-Fjura UE bħala għodda effettiva għall-kummerċjalizzazzjoni fis-Suq Intern kollu, waqt li fl-istess waqt ikunu qed jikkontribwixxu għas-sostenibilità ambjentali u jkunu ta' benefiċċju għall-konsumatur li qed jitlob dejjem aktar prodotti u servizzi li juru aktar rispett lejn l-ambjent.

B'dispijaċir, irid jingħat li r-riżultati tar-regolament attwali ma kinux sodisfaċenti. Ir-rapporteur għalhekk qed jipprova jiżgura li jinħolqu aktar inċentivi għan-negozji biex jieħdu sehem fl-iskema volontarja u li jiġu evitati l-piżijiet finanzjarji u amministrattivi bla bżonn għall-industrija, mingħajr ma ssir ħsara lill-kredibilità tagħha.

Waqt li qies, b'mod partikulari, dawn il-kwistjonijiet, ir-rapporteur għal opinjoni qed jipprova jtejjeb l-elementi li ġejjin tar-regolament propost.

### **L-esklużjoni tal-ikel mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament**

Ir-regolament rivedut jitlob li jiġi inkluż l-ikel proċessat, u li l-kriterji biex tingħata l-Ekotikketta għandhom jikkunsidraw biss l-ipproċessar, it-trasport u l-ippakkjar tiegħu. Dan jgħid inkonsistenzi serji u jfixkel lill-konsumatur.

L-ewwel nett, il-proposta biex ir-regolament ikun japplika għal frazzjoni limitata ta' prodotti tal-ikel (ikel proċessat, sajd u akwakultura) toħloq distinzjoni arbitrarja bejnithom. It-tieni nett, jekk ikunu kkunsidrati biss l-ipproċessar, it-trasport u l-ippakkjar ta' frazzjoni tal-prodotti tal-ikel, dan imur kontra l-approċċ magħruf ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja u jittraskura l-fażi taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti tal-ikel bl-ogħla impatt fuq l-ambjent, speċifikament il-produzzjoni u l-konsum. It-tielet nett, dan jista' jwassal għal konfużjoni mal-leġiżlazzjoni

eżistenti dwar l-ikel organiku. Għalhekk, ir-rapporteur għal opinjoni qed jipproponi li ssir ħidma separata fil-livell tal-UE dwar ir-rekwiżiti tal-ittikkettar għall-prodotti tal-ikel b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar l-ikel.

### **Enfasi fuq approċċ ċar ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja għall-istabbiliment tal-kriterji**

L-iżvilupp tal-kriterji jrid iqis iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-prodotti, sabiex jiġu żviluppati ekokriterji li jkollhom sinifikat, li jippermettu li l-konsumatur jiġi ggwidat lejn konsum aktar sostenibbli u li l-industrija tiġi ggwidata lejn mudelli ta' produzzjoni aktar sostenibbli.

### **It-tisħiħ tal-għarfien tal-Ekotikketta tal-UE**

L-aktar problema evidenti hi n-nuqqas ta' għarfien tat-tikketta min-naħa tal-konsumaturi tal-UE. Hu għalhekk tal-ogħla importanza li ssir ħidma biex kemm il-konsumatur u kemm il-produttur isiru aktar konxji tagħha. Meta wieħed iqis il-prinċipju ta' sussidjarjetà, ir-responsabilità għall-promozzjoni tal-iskema tal-ekotikketta qiegħda f'idejn l-Istati Membri. Madankollu, tista' tingħata xi konsulenza fil-livell tal-UE għall-involviment fi proċess ta' tagħlim reċiproku għall-promozzjoni tal-Ekotikketta, b'mod partikulari peress li ekotikketti nazzjonali kellhom suċċess kbir f'xi Stati Membri. Barra minn hekk, is-settur pubbliku jista' jkollu rwol importanti fil-promozzjoni tal-ekotikketti biex iqishom waqt proċeduri pubbliċi ta' akkwist.

Peress li għal attivitajiet promozzjonali hemm bżonn ta' finanzjamenti xierqa, parti mid-dħul ġenerat mill-ħlas ta' reġistrazzjoni għandu jiġi investit fil-promozzjoni tal-Ekotikketta. B'hekk l-iskema ssir aktar effikaċi bħala għodda għall-kummerċjalizzazzjoni u tiġbed aktar produtturi biex jisfruttaw il-vantaġġi tagħha, u permezz t'hekk ikunu ġenerati aktar ħlasijiet ta' reġistrazzjoni.

### **Ħlas ta' reġistrazzjoni**

Ir-rapporteur għal opinjoni jilqa' l-proposta biex jitneħħa l-ħlas annwali li attwalment qed jiġi applikat mill-entitajiet kompetenti lill-utenti tal-Ekotikketta, bħala pass sinifikanti biex l-iskema ssir anqas burokratika u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-kumpaniji. Sabiex tiġi proċessata reġistrazzjoni, qed jipproponi li l-ħlas ikun sa 1000 Euro, b'mod proporzjonat mad-daqs ta' kull intrapriża, waqt li jissuġġerixxi li l-Istati Membri jistgħu ma jitolbu l-ebda ħlas, bħala miżura ta' promozzjoni tal-iskema.

### **Tisħiħ tas-sorveljanza tas-suq**

Hemm bżonn li s-sorveljanza tas-suq tissaħħaħ, b'mod partikulari biex jiġu garantiti kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd fis-Suq Komuni. Għalhekk, għandhom isiru dispożizzjonijiet biex, f'kull Stat Membru, ikun hemm disponibbli r-riżorsi meħtieġa biex tiġi garantita s-sorveljanza tas-suq.

### **Reġistrazzjoni trasparenti u mhux diskriminatorja**

Sabiex tiġi evitata diskriminazzjoni bejn produtturi tal-UE u produtturi minn pajjiżi terzi, għandhom japplikaw l-istess regoli għar-reġistrazzjoni għall-użu tal-Ekotikketta. Dan ifisser li l-produtturi li jixtiequ japplikaw l-Ekotikketta għandhom jirreġistraw fi kwalunkwe Stat Membru, fejn il-prodott ikun tqiegħed fis-suq. Dispożizzjonijiet speċifiċi għandhom isaħħu t-trasparenza tar-reġistrazzjoni u jevitaw kull konfużjoni possibbli għall-konsumatur.

## Espansjoni rapida tal-gruppi ta' prodotti

Ir-regolament irid jistabbilixxi sistema li tippermetti li jinħolqu malajr il-kriterji għal numru estiż ta' gruppi ta' prodotti. L-għadd limitat ta' gruppi ta' prodotti kien ta' xkiel evidenti biex l-Ekotikketta jkollha impatt ikbar bħala għodda ta' kummerċjalizzazzjoni. Jekk in-numru ta' gruppi ta' prodotti jiġi estiż, aktar ditti jkunu jistgħu jieħdu sehem fl-iskema.

Għal dan l-iskop, għandu jittfassal pjan ta' ħidma u għandhom jiġu stabbiliti skadenzi għall-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' ħidma.

Barra minn hekk, ir-rapporteur għal opinjoni qed jipproponi xi miżuri biex jiggarantixxi li l-kriterji jkunu bbażati fuq standards xjentifiċi u li daww kollha li għandhom sehem fil-qasam u li huma involuti jkunu kwalifikati.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament

#### Premessa 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Sabiex tkun evitata l-proliferazzjoni tal-iskemi *tat-tikkettajr* ambjentali u sabiex ikun inkoraġġit rendiment ambjentali akbar fis-setturi kollha fejn l-impatt ambjentali ikun fattur fl-għażla tal-konsumatur, il-possibbiltà li tintuża l-Ekotikketta Komunitarja għandha tkun estiża. Madankollu, ***jeħtieġ li jkun żgurat li jkun hemm distinzjoni ċara bejn dan ir-Regolament u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2029/91.***

*Emenda*

(3) Sabiex tkun evitata l-proliferazzjoni tal-iskemi *tal-ittikkettar* ambjentali u sabiex ikun inkoraġġit rendiment ambjentali akbar fis-setturi kollha fejn l-impatt ambjentali ikun fattur fl-għażla tal-konsumatur, il-possibbiltà li tintuża l-Ekotikketta Komunitarja għandha tkun estiża. Madankollu, ***fid-dawl tal-elementi speċifiċi tal-prodotti tal-ikel, dawn għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tikkopera ma' daww kollha li għandhom sehem fil-qasam, inklużi l-komunità xjentifika, is-soċjetà ċivili u l-industrija, biex ikun iffaċilitat l-iżvilupp ta' Ekotikketta għar-***

*rendiment ambjentali tal-prodotti tal-ikel proċessati u mhux, li tkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott, waqt li jitqiesu l-elementi speċifiċi tal-ikel f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħu u man-nutrizzjoni, u waqt li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi legali eżistenti u emerġenti fl-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.*

### *Ġustifikazzjoni*

*L-esklużjoni tal-ikel mir-Regolament eżistenti għandha l-għan li jiġu evitati l-konflitti mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar l-ikel, kif ukoll il-konfużjoni għall-konsumatur. L-esklużjoni hi konformi wkoll mal-prinċipju taċ-ċiklu tal-ħajja, parametru tal-oġġla importanza fir-Regolament attwali. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iżvilupp ta' Ekotikketta għall-prestazzjoni ambjentali ta' prodotti tal-ikel proċessati u mhux, li tkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott, li tqis l-elementi speċifiċi ta' dan il-grupp ta' prodotti.*

## **Emenda 2**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 4**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) L-iskema tal-Ekotikketta Komunitarja hija parti mill-politika dwar konsum u produzzjoni sostenibbli tal-Komunità, li għandha l-għan li tnaqqas l-impatt negattiv tal-konsum u tal-produzzjoni fuq l-ambjent, is-saħħa u r-riżorsi naturali. L-iskema hija maħsuba biex tippromwovi dawk il-prodotti li jkollhom livell għoli ta' rendiment ambjentali permezz tal-użu tal-Ekotikketta. Għal dan il-għan, huwa xieraq li jinħtieġ li l-kriterji li l-prodotti jridu jkunu konformi magħhom sabiex ikollhom fuqhom l-Ekotikketta jkunu bbażati fuq l-aqwa rendiment ambjentali miksub mill-prodotti fis-suq Komunitarju. Dawk il-kriterji għandhom ikunu sempliċi biex jinftiehm u biex jintużaw u **għalhekk** għandhom ikunu limitati għall-aktar impatti ambjentali sinifikanti tal-prodotti.

#### *Emenda*

(4) L-iskema tal-Ekotikketta Komunitarja hija parti mill-politika dwar konsum u produzzjoni sostenibbli tal-Komunità, li għandha l-għan li tnaqqas l-impatt negattiv tal-konsum u tal-produzzjoni fuq l-ambjent, is-saħħa u r-riżorsi naturali. L-iskema hija maħsuba biex tippromwovi dawk il-prodotti li jkollhom livell għoli ta' rendiment ambjentali permezz tal-użu tal-Ekotikketta. Għal dan il-għan, huwa xieraq li jinħtieġ li l-kriterji li l-prodotti jridu jkunu konformi magħhom sabiex ikollhom fuqhom l-Ekotikketta jkunu bbażati fuq l-aqwa rendiment ambjentali miksub mill-prodotti fis-suq Komunitarju. Dawk il-kriterji għandhom ikunu sempliċi biex jinftiehm u biex jintużaw, u għandhom ikunu **bbażati fuq evidenza xjentifika, waqt li jitqiesu l-aħħar żviluppi teknoloġiċi. Dawk il-kriterji għandhom ikunu orjentati lejn is-suq u** limitati għall-aktar impatti ambjentali sinifikanti tal-

prodotti **waqt iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħhom inklużi l-fażijiet tal-manifattura, l-użu u tal-ħruġ mill-użu.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-kriterji li l-prodotti jridu jikkonformaw magħhom sabiex ikollhom fuqhom l-Ekotikketta jridu jkunu affidabbli.. Dan jista' jsir biss jekk ikollhom bażi xjentifika solida u jekk iqisu b'mod regolari l-iżviluppi teknoloġiċi aġġornati. Dawk il-kriterji għandhom, sa kemm ikun possibbli, iqisu r-riżorsi kollha kkonsumati u l-implikazzjonijiet kollha fuq l-ambjent u s-saħħa li huma assoċjati maċ-ċiklu kollu tal-ħajja ta' prodott (oġġett jew servizz).*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament Premessa 4 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(4a) L-iskema tal-Ekotikketta Komunitarja għandha tqis il-leġiżlazzjoni attwali tal-Komunità biex tevita approċċi diverġenti għall-evalwazzjoni tas-sikurezza.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament tal-Ekotikketta m'għandux iwassal lill-Komunità Ewropea biex tadotta approċċi differenti għall-evalwazzjoni tas-sikurezza, l-immaniġġjar u l-użu tal-kimiki, li bħalissa huma koperti mir-REACH u mid-Direttiva dwar il-Klassifikazzjoni u l-Ittikettar. Il-leġiżlazzjoni attwali għandha tiegħu preċedenza..*

### **Emenda 4**

#### **Proposta għal regolament Premessa 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(6) Sabiex l-iskema ta' l-Ekotikketta Komunitarja tiġi ssemplifikata u jitnaqqas il-piż amministrattiv marbut ma' l-użu ta' l-Ekotikketta, il-proċeduri ta' valutazzjoni u ta' verifika għandhom ikunu **sostitwiti minn** sistema ta' reġistrazzjoni.

(6) Sabiex l-iskema tal-Ekotikketta Komunitarja tiġi ssemplifikata u jitnaqqas il-piż amministrattiv marbut mal-użu tal-Ekotikketta, il-proċeduri ta' evalwazzjoni u ta' verifika għandhom ikunu **inklużi f'sistema ta' reġistrazzjoni armonizzata li għandha tkun applikata fl-Istati Membri u fil-korpi kompetenti kollha.**

## Ġustifikazzjoni

*Hu importanti li s-sistema ta' reġistrazzjoni tkun komplementari għall-proċeduri ta' evalwazzjoni u verifika, sabiex ma tkunx issagrifikata l-kredibilità tal-iskema għal skopijiet ta' flessibilità.*

### Emenda 5

#### Proposta għal regolament Premessa 7 a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(7a) Biex jiżdied l-użu tas-sistema tal-Ekotikketta tal-Komunità fir-reviżjonijiet futuri ta' dan ir-Regolament, ikun hemm il-ħtieġa għal ċaqliq definit mill-kriterji ta' 10% tal-prodotti bl-aqwa prestazzjoni għall-introduzzjoni ta' sistema ta' gradazzjoni f'kull kategorija ta' prodotti biex il-konsumaturi jiġu megħjuna jagħmlu għażliet sostenibbli ta' konsum u biex jinħolqu inċentivi għal produtturi biex itejbu l-offerta tagħhom b'mod kostanti.***

## Ġustifikazzjoni

*Biex jinfirex tassew l-użu tal-Ekotikketta tal-Komunità, is-“sistema tal-aqwa 10%” titqies li mhix effikaċi biżżejjed. Kull prodott mill-gruppi ta' prodotti kollha għandu jkollu l-possibilità li japplika għat-tikketta u li din tkun fuq il-prodott skont sistema ta' klassifikazzjoni, grad 'A' jew 'B' jew 'C', li għandu jindika l-prestazzjoni ambjentali tiegħu.*

### Emenda 6

#### Proposta għal regolament Premessa 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(8) Fid-dawl tal-proċeduri ssimplifikati għall-użu tal-Ekotikketta, huwa xieraq li jkunu pprovduti l-kundizzjonijiet fejn tista' tintuża l-Ekotikketta u, sabiex tkun żgurata l-konformità ma' dawk il-kundizzjonijiet, ikun meħtieġ li l-korpi kompetenti jwettqu verifiki wara r-reġistrazzjoni u jipprojbixxu

(8) Fid-dawl tal-proċeduri ssimplifikati għall-użu tal-Ekotikketta, huwa xieraq li jkunu pprovduti l-kundizzjonijiet fejn tista' tintuża l-Ekotikketta u, sabiex tkun żgurata l-konformità ma' dawk il-kundizzjonijiet, ikun meħtieġ li l-korpi kompetenti jwettqu verifiki wara r-reġistrazzjoni u jipprojbixxu



l-użu tal-Ekotikketta fejn ma jkunx hemm konformità mal-kundizzjonijiet għall-użu. Huwa wkoll xieraq li jinħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu r-regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u li jkun żgurat li dawn jiġu implimentati.

l-użu tal-Ekotikketta fejn ma jkunx hemm konformità mal-kundizzjonijiet għall-użu. Huwa wkoll xieraq li jinħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu r-regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u li jkun żgurat li dawn jiġu implimentati. ***Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti l-mezzi finanzjarji u r-riżorsi umani kollha meħtieġa lill-korpi kompetenti.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*It-tħaddim kif support tal-korpi kompetenti hu dipendenti ħafna mir-riżorsi disponibbli pprovduti lilhom mill-Istati Membri.*

### **Emenda 7**

#### **Proposta għal regolament Premessa 9**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Jeħtieġ li titqajjem kuxjenza pubblika mill-Ekotikketta Komunitarja *billi jiġu promossi azzjonijiet* sabiex il-konsumaturi jsiru konxji mit-tifsira tat-tikketta u jkunu jistgħu jagħmlu għażliet informati.

##### *Emenda*

(9) Jeħtieġ li ***l-pubbliku jkun infurmat u*** titqajjem kuxjenza pubblika *dwar l-* Ekotikketta Komunitarja *permezz ta' azzjonijiet ta' promozzjoni* sabiex il-konsumaturi jsiru konxji mit-tifsira tat-tikketta u jkunu jistgħu jagħmlu għażliet informati. ***Id-dħul ġenerat minn kwalunkwe ħlas għal applikazzjoni għar-reġistrazzjoni skont dan ir-regolament għandha tintuża prinċipalment għal skopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa ċar li wieħed min-nuqqasijiet ewlenin tal-iskema attwali hu l-fatt li ftit huma konxji tagħha minħabba li ma ġietx irriklamata sew. Hu għalhekk importanti li jiġi ddedikat ammont konsiderevoli ta' riżorsi finanzjarji għal dan il-għan. Jeħtieġ li l-pubbliku jkun infurmat u titqajjem kuxjenza pubblika dwar l-Ekotikketta Komunitarja permezz ta' azzjonijiet ta' promozzjoni, sabiex il-konsumaturi jsiru konxji mit-tifsira tat-tikketta u jkunu jistgħu jagħmlu għażliet informati.*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 9 a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(9a) L-iskema għal Ekotikketta Komunitarja għandha tqis il-leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti sabiex jiġu evitati approċċi li jvarjaw u ż-żieda ta' piżijiet amministrattivi fuq l-intrapriżi. Għalhekk, għandhom jissaħħu s-sinerġiji bejn l-istrumenti ta' politika differenti relatati ma' prodotti sabiex jiġi żgurati qafas armonizzati fejn jiġu ppreżentati l-kriterji.**

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-Ekotikketta hi biss parti mill-Pjan ta' Azzjoni għall-Produzzjoni u l-Konsum Sostenibbli, hu ta' importanza kbira li jiġu żgurati s-sinerġiji mal-azzjonijiet l-oħra tal-Pjan.*

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 9 b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(9b) Billi n-negozji ż-żgħar sikwit ibatu biex jassimilaw regolamenti u standards ġodda, l-uffiċċji ta' informazzjoni li għandhom jitwaqqfu permezz tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar li se jsir fil-futur qrib, għandu jingħatalhom ukoll il-kompitu li jagħtu l-informazzjoni dwar l-iskema tal-Ekotikketta.**

*Ġustifikazzjoni*

*Hu importanti li jiġu stabbiliti rabtiet bejn l-iskema tal-Ekotikketta u l-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar sabiex l-affarijiet ikunu aktar faċli għall-SMEs.*

## Emenda 10

**Proposta għal regolament  
Premessa 9 c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(9c) Billi skemi differenti ta' ekotikketti dejjem iġibu magħhom iktar xogħol, b'mod partikulari għan-negozji ż-żgħar, il-Kummissjoni għandha tingħata istruzzjonijiet biex tippromwovi t-tqarrib ta' skemi ta' ttikkettar differenti,***

*Ġustifikazzjoni*

*Hu importanti li jitqies il-piż amministrattiv fuq l-SMEs u, għalhekk, li jsir sforz biex dan jitnaqqas kemm jista' jkun.*

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament  
Premessa 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(10) Sabiex tkun iffaċilitata l-kummerċjalizzazzjoni fuq il-livell nazzjonali u Komunitarju tal-prodotti li jkollhom fuqhom tikketti ambjentali u sabiex ikun evitat li l-konsumaturi jiġu konfużi, jeħtieġ ukoll li titkabbar il-koerenza bejn l-iskema tal-Ekotikketta Komunitarja u l-iskemi tal-Ekotikketti nazzjonali fil-Komunità.

(10) Sabiex tkun iffaċilitata l-kummerċjalizzazzjoni fil-livell nazzjonali u Komunitarju tal-prodotti li jkollhom fuqhom tikketti ambjentali u sabiex ikun evitat li l-konsumaturi jiġu konfużi, jeħtieġ ukoll li titkabbar il-koerenza bejn l-iskema tal-Ekotikketta Komunitarja u l-iskemi tal-Ekotikketti nazzjonali fil-Komunità, ***kif ukoll biex jinholq sit tal-internet uffiċjali tal-UE li jiġbor flimkien l-informazzjoni kollha dwar l-ekotikketti u l-prattiki tal-UE għall-informazzjoni tal-konsumaturi. Il-koeżistenza ta' dawn l-iskemi għandha twassal għal sitwazzjoni fejn ikun riżultat ta' suċċess għaż-żewġ tikketti permezz tal-iskambju tal-aħjar Prattiki. Barra minn hekk, l-iskema tal-Ekotikketta Komunitarja għandha tippromwovi l-prodotti ekotikkettati fis-swieq nazzjonali u għandha tiffaċilita d-dħul tal-prodotti ekotikkettati fis-swieq tal-Istati Membri l-oħra.***

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Fir-rigward ta' prodotti tal-ikel kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandu japplika biss għall-ikel ipproċessat u l-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura.***

*Emenda*

***Dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-prodotti tal-ikel kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-esklużjoni tal-ikel mir-Regolament eżistenti għandha l-għan li jiġu evitati l-konflitti mal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE dwar l-ikel, kif ukoll il-konfużjoni għall-konsumatur. L-esklużjoni hi konformi wkoll mal-prinċipju taċ-ċiklu tal-ħajja, parametru tal-ogħla importanza fir-Regolament attwali. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iżvilupp ta' Ekotikketta għar-rendiment ambjentali ta' prodotti tal-ikel proċessati u mhux, li tkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott, li tqis l-elementi speċifiċi ta' dan il-grupp ta' prodotti.*

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-entità jew l-entitajiet responsabbli mit-twertiq tal-kompiti pprovduti f'dan ir-Regolament (minn hawn 'il quddiem: il-“korp kompetenti” jew il-“korpi kompetenti”) u għandu jkun żgur li dawn ikunu operattivi. Fejn jinħatru aktar minn korp kompetenti wieħed, l-Istat Membru għandu jiddetermina s-setgħat rispettivi ta' daww l-entitajiet u r-rekwiżiti ta' koordinazzjoni li japplikaw għalihom.

*Emenda*

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-entità jew l-entitajiet responsabbli mit-twertiq tal-kompiti pprovduti f'dan ir-Regolament (minn hawn 'il quddiem: il-“korp kompetenti” jew il-“korpi kompetenti”) u għandu jkun żgur li dawn ikunu operattivi, ***ikollhom il-mezzi finanzjarji u r-riżorsi umani kollha meħtieġa.*** Fejn jinħatru aktar minn korp kompetenti wieħed, l-Istat Membru għandu jiddetermina s-setgħat rispettivi ta' daww l-entitajiet u r-rekwiżiti ta' koordinazzjoni li japplikaw għalihom.

*Ġustifikazzjoni*

*It-tħaddim tajjeb tal-korpi kompetenti jiddependi ħafna mir-riżorsi disponibbli mogħtija lilhom mill-Istati Membri.*

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Ir-rendiment ambjentali tal-prodotti għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tal-prodotti bl-aqwa rendiment fis-suq Komunitarju. Għal dan il-għan, ***għandhom jitqiesu*** l-aktar impatti ambjentali sinifikanti matul iċ-ċiklu *ta'* ħajja tal-prodotti, b'mod partikolari l-impatt fuq it-tibdil fil-klima, l-impatt fuq in-natura u l-bijodiversità, il-konsum ta' l-enerġija u tar-riżorsi, il-ġenerazzjoni tal-iskart, l-emissjonijiet lill-mezzi ambjentali kollha, it-tniġġis permezz ta' effetti fiżiċi u l-użu u r-rilaxx ta' sustanzi ***perikolużi***.

#### *Emenda*

2. Ir-rendiment ambjentali tal-prodotti għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tal-prodotti bl-aqwa rendiment fis-suq Komunitarju. Għal dan il-għan, ***għandhom jitqiesu*** l-aktar impatti ambjentali sinifikanti ***pprovati b'mod xjentifiku*** matul iċ-ċiklu ***sħiħ tal-***ħajja tal-prodotti, ***li jistgħu jinkludu*** l-impatt fuq il-bidla fil-klima, l-impatt fuq in-natura u l-bijodiversità, il-konsum tal-enerġija u tar-riżorsi, il-ġenerazzjoni tal-iskart, l-emissjonijiet lill-mezzi ambjentali kollha, it-tniġġis permezz ta' effetti fiżiċi u l-użu u r-rilaxx ta' sustanzi ***li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-ambjent, kif definit mil-leġiżlazzjoni Komunitarja. Il-kriterji attwali tal-Ekotikka għall-gruppi ta' prodotti differenti għandhom ikunu riveduti fi żmien ... \* biex jiżguraw il-konformità sħiħa tagħhom mal-approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja stipulat f'dan l-Artikolu.***

*\* 18-il xahar wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*F'bosta każi, il-kriterji attwali tal-Ekotikka għal gruppi ta' prodotti ma jirriflettux approċċ ta' ċiklu tal-ħajja reali kif deskritt f'dan l-Artikolu. Barra minn hekk, il-Premessa 4 teħtieġ li l-kriterji għandhom ikunu limitati għall-aktar aspetti ambjentali sinifikattivi tal-prodotti. Għalhekk il-Kummissjoni trid tirrevedi b'mod urġenti l-kriterji attwali għall-gruppi kollha ta' prodotti biex tiżgura li jaqblu ma' dawn l-approċċi u l-prinċipji. Il-leġiżlazzjoni attwali bħal REACH tkopri b'mod xieraq l-immaniġġjar tar-riskju tal-kimiki u, fost l-oħrajn, għandha l-għan li tnaqqas l-impatt ambjentali tagħhom.*

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-kriterji tal-Ekotikketta għandhom jistabbilixxu r-rekwiżiti ambjentali li jrid jissodisfa prodott sabiex ikollu fuqu l-Ekotikketta.

*Emenda*

3. Il-kriterji tal-Ekotikketta għandhom jistabbilixxu r-rekwiżiti ambjentali li jrid jissodisfa prodott, ***tul iċ-ċiklu sħiħ ta' ħajtu***, sabiex ikollu fuqu l-Ekotikketta, ***waqt li jitqiesu l-aħħar żviluppi teknoloġiċi kif ukoll il-fattibilità teknika u ekonomika tal-adattament li jkun hemm bżonn għal konformità mar-rekwiżiti f'perjodu ta' żmien raġonevoli.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kriterji li l-prodotti jridu jikkonformaw magħhom sabiex ikollhom fuqhom l-Ekotikketta jridu jkunu affidabbli. Dan jista' jsir biss jekk ikollhom bażi xjentifika solida u jekk iqisu b'mod regolari l-iżviluppi teknoloġiċi aġġornati. Dawk il-kriterji għandhom, sa kemm ikun possibbli, iqisu r-riżorsi kollha kkonsmati u l-implikazzjonijiet kollha fuq l-ambjent u s-saħħa li huma assoċjati maċ-ċiklu kollu tal-ħajja ta' prodott (oġġett jew servizz).*

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-kriterji tal-Ekotikketta għandhom iqisu l-kriterji stabbiliti għal tikketti ambjentali oħrajn, fejn dawn jeżistu għal dak il-grupp tal-prodotti.

*Emenda*

6. Il-kriterji tal-Ekotikketta għandhom iqisu l-kriterji stabbiliti għal tikketti ambjentali oħrajn, fejn dawn jeżistu għal dak il-grupp tal-prodotti ***sabiex b'hekk jittejbu s-sinerġiji. Fil-każ ta' prodotti koperti minn leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti dwar l-ittikkettar, il-kriterji għal Ekotikketta għandhom jikkorrispondu dejjem mal-ogħla rekwiżiti ambjentali.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-Ekotikketta hija għotja ta' eċċellenza. Sussegwentement, għalkemm hu mixtieq li jiġu evitati piżijiet amministrattivi bla bżonn billi jitqiesu l-kriterji diġà stabbiliti fil-qafas ta' leġiżlazzjoni eżistenti, hu importanti wkoll li dawn il-kriterji jkunu ekwivalenti mal-ogħla rekwiżiti ambjentali.*

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Wara li jikkonsultaw lill-EUEB, l-Istati Membri, il-korpi kompetenti u l-partijiet interessati l-oħra jistgħu wkoll jagħtu bidu u jmexxu l-iżvilupp jew ir-reviżjoni tal-kriterji tal-Ekotikketta.

*Emenda*

Wara li jikkonsultaw lill-EUEB, l-Istati Membri, il-korpi kompetenti u dawk l-oħra li għandhom sehem fil-qasam, ***waqt li juru newtralità, oġġettività u fehma bilanċjata tal-industrija***, jistgħu wkoll jagħtu bidu u jmexxu l-iżvilupp jew ir-reviżjoni tal-kriterji tal-Ekotikketta.

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kriterji tal-Ekotikketta jridu jkunu orjentati biżżejjed lejn is-swieq b'mod li jirnexxilhom ixerrdu l-prodotti u s-servizzi li għandhom l-aħjar rendiment ambjentali fis-suq Komunitarju. Dan jista' jinkiseb permezz ta' proċedura ġusta u trasparenti li tinvolvi lil dawk kollha li għandhom sehem fil-qasam u li tikkunsidra l-fehmiet tal-industrija.*

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

***3. Fejn ikunu żviluppati kriterji għall-ikel ipproċessat minbarra l-prodotti tal-akkwakultura, dawk il-kriterji għandhom jirrigwardaw biss l-ipproċessar, it-trasport jew l-ippakkjar.***

*Emenda*

***imħassar***

*Ġustifikazzjoni*

*L-esklużjoni tal-ikel mir-Regolament eżistenti għandha l-għan li jiġu evitati l-konflitti mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar l-ikel, kif ukoll il-konfużjoni għall-konsumatur. L-esklużjoni hi konformi wkoll mal-prinċipju taċ-ċiklu tal-ħajja, parametru tal-ogħla importanza fir-Regolament attwali. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iżvilupp ta' Ekotikketta għall-prestazzjoni ambjentali ta' prodotti tal-ikel proċessati u mhux, li tkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott, li tqis l-elementi speċifiċi ta' dan il-grupp ta' prodotti.*

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Artikolu 7 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 7a*

##### *Il-pjan ta' ħidma*

- 1. Il-Kummissjoni għandha tħejji u tippublika pjan ta' ħidma dwar l-ekotikketta Komunitarja fi żmien sena minn meta dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ, wara li tkun saret konsultazzjoni minn qabel mal-EUEB.*
- 2. Il-pjan ta' ħidma għandu jinkludi strateġija għall-iżvilupp tal-iskema tal-Ekotikketta u anke ta' lista mhux eżawrjenti ta' prodotti li se jkunu kkunsidrati bħala prijoritajiet għal azzjoni Komunitarja.*
- 3. Il-pjan ta' ħidma għandu jiġi rivedut perjodikament.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-pjan ta' ħidma se jiffaċilita l-koperazzjoni tal-Kummissjoni mal-EUEB, waqt li fl-istess ħin se jiżgura li jkun hemm teħid ta' deċiżjonijiet u ppjanar strateġiċi.*

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1. Wara li tikkonsulta lill-EUEB, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri sabiex tistabbilixxi kriterji speċifiċi tal-Ekotikketta għal kull grupp ta' prodotti.*

*1. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri sabiex tistabbilixxi kriterji speċifiċi tal-Ekotikketta għal kull grupp ta' prodotti.*

*Għandhom jiġu żviluppati abbozzi ta' kriterji għall-Ekotikketta bi qbil mal-proċedura stipulata fl-Anness I u billi jiġi kkunsidrat il-pjan ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 7a. Sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li r-rapport finali msemmi fil-punt 3 tal-Parti A tal-Anness I ikun ġie ppreżentat lill-Kummissjoni, l-EUEB*



Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati *skond* il-proċedura regolatorja bi skrutinju li tisemma fl-Artikolu 16(2).

*għandu jiġi ikkonsultat dwar id-dokument li jinkludi l-kriterji proposti. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi ġustifikazzjoni u dokumentazzjoni dwar il-motivazzjoni għal kull bidla fil-kriterji ppreżentati fir-rapport finali.*

*Sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jkun ġie kkonsultat l-EUEB, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta dwar il-kriterji għal Ekotikketta lill-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 16 u għandha sussegwentement tadotta miżuri biex jiġu stabbiliti l-kriterji speċifiċi għal Ekotikketta għal kull grupp ta' prodotti. Il-Kummissjoni għandha tqis il-kummenti tal-EUEB u għandha tipprovdi ġustifikazzjoni u dokumentazzjoni għall-motivazzjoni għal kull bidla fil-proposta wara l-konsultazzjoni mal-EUEB.*

Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati *skont* il-proċedura regolatorja bi skrutinju li tisemma fl-Artikolu 16(2).

#### *Ġustifikazzjoni*

*Qed jiġu stabbiliti skadenzi sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tal-konsultazzjoni bejn is-servizzi tal-Kummissjoni biex bla dewmien jintlaħaq qbil dwar l-istipular jew ir-reviżjoni tal-kriterji għall-Ekotikketta. Dan hu kruċjali għall-iskopijiet tar-Regolament propost sabiex jinkludi aktar kategoriji ta' prodotti.*

#### **Emenda 21**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) fejn ikun xieraq, *tinidika* t-tliet karatteristiċi ambjentali ewlenin li **għandhom** jitqiegħdu fuq l-Ekotikketta;

*Emenda*

(b) fejn ikun xieraq, *tindika* t-tliet karatteristiċi ambjentali ewlenin li **jistgħu** jitqiegħdu fuq l-Ekotikketta;

#### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa ta' importanza kbira li jkun hemm il-ħsieb ta' mekkaniżmu li jqis it-titjib kontinwu fil-*

*prodotti, ukoll fil-perjodu ta' validità tal-kriterji tal-Ekotikketta. Bħalissa l-kriterji tal-prodotti huma stabbiliti għal perjodi twal (eż. 3 snin) u mhumiex flessibbli; huwa diffiċli li jsir tibdil, anki żgħir, fil-formulazzjonijiet biex jinkludu ingredjenti ġodda aktar sostenibbli u biex jadattaw ruħhom għall-progress tekniku mingħajr il-ħtieġa li jkollhom jgħaddu mill-proċess kollu ta' applikazzjoni mill-ġdid għall-Ekotikketta.*

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) tispeċifika l-perjodu ta' validità tal-kriterji u tar-rekwiżiti tal-valutazzjoni.

(c) tispeċifika l-perjodu, **ta' mhux aktar minn sentejn**, ta' validità tal-kriterji u tar-rekwiżiti tal-evalwazzjoni.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa ta' importanza kbira li jkun hemm il-ħsieb ta' mekkaniżmu li jqis it-titjib kontinwu fil-prodotti, ukoll fil-perjodu ta' validità tal-kriterji tal-Ekotikketta. Bħalissa l-kriterji tal-prodotti huma stabbiliti għal perjodi twal (eż. 3 snin) u mhumiex flessibbli; huwa diffiċli li jsir tibdil, anki żgħir, fil-formulazzjonijiet biex jinkludu ingredjenti ġodda aktar sostenibbli u biex jadattaw ruħhom għall-progress tekniku mingħajr il-ħtieġa li jkollhom jgħaddu mill-proċess kollu ta' applikazzjoni mill-ġdid għall-Ekotikketta.*

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ca) tispeċifika l-grad massimu permess ta' bidla fil-prodott waqt il-perjodu ta' validità tal-kriterji.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Hu tal-ogħla importanza li jiġi żgurat li l-kriterji jkollhom ċertu grad ta' flessibilità u li ma jkollhomx jerġgħu jiġu definiti mill-ġdid kull darba li grupp ta' prodotti jgħaddi minn bidla żgħira.*

## Emenda 24

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sabiex jużaw l-Ekotikketta, il-manifatturi, l-importaturi, il-fornituri tas-servizzi, il-kummerċjanti bl-ingrossa jew il-bejjiegħa bl-imnut għandhom jirreġistraw ma' wieħed mill-korpi kompetenti li jissemmew fl-Artikolu 4 **skont ir-regoli li ġejjin:**

**(a) meta prodott joriġina fi Stat Membru wieħed, l-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-korp kompetenti ta' dak l-Istat Membru;**

**(b) meta prodott joriġina fl-istess għamla fdiversi Stati Membri, l-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-korp kompetenti ta' wieħed minn dawk l-Istati Membri;**

**(c) meta prodott joriġina minn barra l-Komunità, l-applikazzjoni tista' tiġi ppreżentata lill-korp kompetenti fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri li fih il-prodott ikun sejjer jitpoġġa jew ikun tqiegħed fis-suq.**

L-Ekotikketta għandha jkollha waħda mill-forom murija fl-Anness II.

L-Ekotikketta tista' tintuża biss b'konnessjoni mal-prodotti koperti minn reġistrazzjoni u li jkunu konformi mal-kriterji tal-Ekotikketta applikabbli għall-prodotti kkonċernati.

*Emenda*

1. Sabiex jużaw l-Ekotikketta, il-manifatturi, l-importaturi, il-fornituri tas-servizzi, il-kummerċjanti bl-ingrossa jew il-bejjiegħa bl-imnut għandhom jirreġistraw ma' wieħed mill-korpi kompetenti li jissemmew fl-Artikolu 4 fi ***kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri li fih il-prodott ikun tqiegħed jew ikun se jitqiegħed fis-suq.***

L-Ekotikketta għandu jkollha waħda mill-forom murija fl-Anness II.

L-Ekotikketta tista' tintuża biss b'konnessjoni mal-prodotti koperti minn reġistrazzjoni u li jkunu konformi mal-kriterji tal-Ekotikketta applikabbli għall-prodotti kkonċernati.

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda għandha l-għan li tissimplifika r-reġistrazzjoni billi tindika (hi x'inhi l-oriġini tal-prodott) li għandha ssir ma' korp kompetenti fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri fejn il-prodott ikun se jitqiegħed jew ikun tqiegħed fis-suq. Il-proposta tal-Kummissjoni tagħti vantaġġ lill-prodotti li joriġinaw minn barra l-UE meta mqabbla ma' prodotti tal-UE: tal-ewwel jistgħu jirreġistraw ma' korp kompetenti fi kwalunkwe Stat Membru li fih il-prodott ikun se jitqiegħed jew ikun tqiegħed fis-suq, filwaqt li tal-aħħar iridu jirreġistraw fl-Istat Membru li minnu joriġina l-prodott. Din l-emenda tikkoreġi din l-anomalija u tittratta l-*

*prodotti kollha bl-istess mod.*

## Emenda 25

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-korp kompetenti li tkun saritlu applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jista' jitlob ħlas sa **€200** biex tiġi pproċessata r-reġistrazzjoni. Jekk jintalab ħlas, l-użu tal-Ekotikketta għandu jkun b'kundizzjoni li l-ħlas ikun ingħata fi żmien xieraq.

*Emenda*

3. Il-korp kompetenti li tkun saritlu applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jista' jitlob ħlas sa **1000 EUR, b'mod proporzjonat mad-daqs tal-intrapriża**, biex tiġi pproċessata r-reġistrazzjoni. **Dan il-ħlas għandu jkun ibbażat fuq:**  
**(a) l-ispejjeż marbuta mal-provvista ta' informazzjoni u assistenza għall-intrapriża mill-korpi kompetenti u**  
**(b) l-ispejjeż għall-amministrazzjoni tal-proċess ta' reġistrazzjoni.**  
**L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu biex, bħala mezz ta' promozzjoni għall-iskema, ma jitolbu l-ebda ħlas.** Jekk jintalab ħlas, l-użu tal-Ekotikketta għandu jkun b'kundizzjoni li l-ħlas ikun ingħata fi żmien xieraq.

### *Ġustifikazzjoni*

*M'hemm l-ebda dubju li l-ħlas propost li jista' jkun sa EUR 200 hu baxx wisq u li lanqas ikopri l-ispejjeż ta' reġistrazzjoni. Huwa wkoll inġust, peress li jittratta lill-intrapriża kollha bl-istess mod, hu x'inhum d-daqs tagħhom. Finalment, jiċħad lill-Istati Membri minn sors ta' dħul li jista' jintuża għall-promozzjoni tal-Ekotikketta u għall-manteniment tal-iskema b'mod ġenerali. L-Istati Membri għandhom jitħallew liberi biex jadottaw livell ta' ħlas li jkun effiċjenti meta mqabbel mal-ispejjeż, jew anke biex jeżentaw kompletament lill-applikanti minn dan l-obbligu.*

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Fi żmien xahrejn mill-wasla ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, il-korp kompetenti kkonċernat għandu **jivverifika**

*Emenda*

4. Fi żmien xahrejn mill-wasla ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, il-korp kompetenti kkonċernat għandu **jivverifika**

d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

Sakemm id-dokumentazzjoni tkun sħiħa, il-korp kompetenti għandu jassenja numru ta' reġistrazzjoni għal kull prodott.

d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, **kif ukoll il-konformità tal-prodott mal-kriterji adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 8.**

Sakemm id-dokumentazzjoni tkun **approvata, il-prodott jikkonforma mal-kriterji u sakemm ir-reġistrazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti ta' evalwazzjoni u verifika**, il-korp kompetenti għandu jassenja numru ta' reġistrazzjoni għal kull prodott. **Il-korp kompetenti għandu jikkonkludi l-proċedura tiegħu ta' approvazzjoni fi żmien erba' xhur mid-data tal-applikazzjoni.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Wieħed mill-vantaġġi ewlenin tar-regolament attwali huwa l-grad għoli ta' kredibilità li għandu, li m'għandux jiġi pperikolat billi, għal skopijiet ta' flessibilità, jitneħħew il-proċeduri ta' verifika u evalwazzjoni qabel ma tingħata l-Ekotikketta. S'issa dan kien garantit minn verifika minn terza persuna.*

#### **Emenda 27**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 6**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-korp kompetenti li jkun irreġistra prodott għandu jinnotifika kull reġistrazzjoni lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regjistru komuni u taġġornah regolarment. Dak ir-regjistru għandu jkun pubblikament disponibbli.

###### *Emenda*

6. Il-korp kompetenti li jkun irreġistra prodott għandu jinnotifika kull reġistrazzjoni lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regjistru komuni u taġġornah regolarment. Dak ir-regjistru għandu jkun pubblikament disponibbli **f'portal tal-internet riservat għall-Ekotikketta.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-għarfien tal-Ekotikketta jista' jikber permezz tat-trasparenza, il-viżibilità u d-disponibilità tat-tagħrif f'portal tal-internet li jkun faċli li jintuża.*

#### **Emenda 28**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

7. L-Ekotikketta tista' tintuża fuq il-prodotti koperti mir-reġistrazzjoni fuq il-materjal promozzjonali assoċjat tagħhom.

*Emenda*

7. L-Ekotikketta tista' tintuża fuq il-prodotti koperti mir-reġistrazzjoni fuq il-materjal promozzjonali assoċjat tagħhom. ***Il-post fejn titqiegħed l-Ekotikketta għandu jkun prominenti u għandu jiddefinixxi l-prodott ikkonċernat anke jekk ikun inxtara flimkien ma' prodotti oħrajn.***

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***10. Fejn l-Ekotikketa titqiegħed fuq ikel ipproċessat minbarra l-prodotti ta' l-akkwakultura li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, għandha tkun komplementata b'indikazzjoni fl-istess qasam viżiv bil-għan li t-tikketta tirtigwarda biss ir-rendiment ambjentali ta' l-ipproċessar, it-trasport jew l-ippakkjar tal-prodott L-ewwel subparagrafu għandu japplika wkoll għall-ikel ipproċessat b'tikketta skond l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.***

*Emenda*

***imħassar***

*Ġustifikazzjoni*

*L-esklużjoni tal-ikel mir-Regolament eżistenti għandha l-għan li jiġu evitati l-konflitti mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar l-ikel, kif ukoll il-konfużjoni għall-konsumatur. L-esklużjoni hi konformi wkoll mal-prinċipju taċ-ċiklu tal-ħajja, parametru tal-ogħla importanza fir-Regolament attwali. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iżvilupp ta' Ekotikketta għall-prestazzjoni ambjentali ta' prodotti tal-ikel proċessati u mhux, li tkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott, li tqis l-elementi speċifiċi ta' dan il-grupp ta' prodotti.*

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-korp kompetenti li jkun irreġistra prodott għandu jagħmel verifiki, fuq bażi regolari, jew inkella mal-wasla ta' lment, fir-rigward tar-*reħistrazzjonijiet* li jkun wettaq. Dawk il-verifiki jistgħu jieħdu l-forma ta' kontrolli mhux sistematiċi fil-post.

#### *Emenda*

2. Il-korp kompetenti li jkun irreġistra prodott għandu jagħmel verifiki, fuq bażi regolari, jew inkella mal-wasla ta' lment, fir-rigward tar-*reġistrazzjonijiet* li jkun wettaq. Dawk il-verifiki jistgħu jieħdu l-forma ta' kontrolli mhux sistematiċi fil-post. ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-korpi kompetenti jwettqu kontrolli fuq il-post fuq bażi regolari. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-mezzi kollha li hemm bżonn biex il-korpi kompetenti jkunu jistgħu jwettqu dawn il-kontrolli.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-tħaddim tajjeb tal-korpi kompetenti jiddependi ħafna mir-riżorsi disponibbli mogħtija lilhom mill-Istati Membri.*

## Emenda 31

### Proposta għal regolament Artikolu 10 a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

#### ***Artikolu 10a***

#### ***Intrapriżi żgħar u medji***

***Sabiex jiħarsu l-intrapriżi żgħar u medji, il-Kummissjoni għandha:***

***(a) tiżgura li l-uffiċċji tal-informazzjoni mwaqqfa skont l-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar li se jsir fil-futur jingħatalhom ukoll il-kompitu li jagħtu tagħrif dwar l-iskema tal-ekotikketti; u***

***(b) tippromwovi b'mod attiv it-tqarrib ta' skemi ta' ttikkettar differenti.***

## Ġustifikazzjoni

*Hu importanti li jitqies il-piż amministrattiv fuq l-SMEs u, għalhekk, li jsir sforz biex dan jitnaqqas kemm jista' jkun.*

### Emenda 32

#### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-koeżistenza tal-Ekotikketta Komunitarja mal-iskemi ta' Ekotikketti nazzjonali għandha tiġi żgurata permezz tal-iskambju tal-aħjar Prattiki. Barra minn hekk, l-iskema tal-Ekotikketta Komunitarja tista' tippromwovi l-prodotti ekotikkettati fis-swieq nazzjonali rilevanti u għandha tiffaċilita d-dħul tal-prodotti ekotikkettati fis-swieq ta' Stati Membri oħra.***

### Emenda 33

#### Proposta għal regolament Artikolu 12

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Istati Membri u l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni *ma' l-EUEB*, għandhom jippromwovu l-użu *ta' l-Ekotikketta Komunitarja* b'azzjonijiet li jqajmu kuxjenza **u** b'kampanji ta' informazzjoni għall-konsumaturi, għall-produtturi, għax-xerrejja pubbliċi, għall-kummerċjanti, għall-bejjiegħa bl-imnut, u għall-pubbliku ġenerali, biex b'hekk isostnu l-iżvilupp *ta' l-iskema*.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni *mal-EUEB*, għandhom jippromwovu l-użu *tal-Ekotikketta Komunitarja* b'azzjonijiet li jqajmu kuxjenza, b'kampanji ta' informazzjoni għall-konsumaturi, għall-produtturi, għax-xerrejja pubbliċi, għall-kummerċjanti, għall-bejjiegħa bl-imnut, u għall-pubbliku ġenerali u ***t-tixrid ta' informazzjoni mill-portal tal-internet iddedikat għall-Ekotikketta*** biex b'hekk isostnu l-iżvilupp *tal-iskema*. ***Waqt li r-reklamar tal-iskema tal-Ekotikketta għandu jibqa' kompetenza nazzjonali sabiex jirrifletti b'mod aħjar il-preferenzi tal-konsumatur ta' kull Stat***



***Membru, għandu jiġi implimentat grupp ta' esperti komuni biex jipprovdi gwida u koordinazzjoni, promozzjoni tal-iskambju tal-aħjar Prattiki u Żvilupp ta' Pjanijiet ta' Azzjoni konkreti fil-livell Komunitarju. Is-settur pubbliku għandu jkun aktar involut fil-promozzjoni tal-iskema tal-Ekotikketta, kemm bħala mexxej biex iservi ta' eżempju biex jintlaħqu l-pjanijiet ambjentali tal-Komunità, u kemm bħala konsumatur. Għalhekk, meta l-istituzzjonijiet Komunitarji u l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali jixtru, permezz ta' proċedura ta' akkwist pubbliku prodotti, li għalihom jeżistu kriterji għal ekotikketta, dawk il-prodotti għandhom tal-anqas jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-iskema ta' Ekotikketta Komunitarja.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-kampanji ta' reklamar għandhom jitfasslu skont il-bżonnijiet speċifiċi ta' kull suq, sabiex ikunu aktar effettivi. Il-proċeduri ta' akkwist pubbliku jistgħu jkunu għodda effettiva ħafna għall-promozzjoni ta' prodotti b'ekotikketta, mhux biss peress li jippermettu li l-Istati Membri jservu ta' eżempju għall-konsumatur, imma anke peress li jagħtu spinta deċiżiva għat-talba tas-suq għal prodotti li jirrispettaw l-ambjent.*

#### **Emenda 34**

##### **Proposta għal regolament Anness I – punt 5**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

Għandu jkun stabbilit manwal għall-utenti li jipprovdi gwida għall-użu tal-kriterji ta' l-Ekotikketta lill-awtoritajiet li jagħtu l-kuntratti pubbliċi.

Nota: Il-Kummissjoni se tipprovdi mudelli (*it-templates*) għall-manwal għall-utenti għall-applikanti u għall-korpi kompetenti u għall-manwal għall-utenti għall-awtoritajiet li jagħtu l-kuntratti pubbliċi.

###### *Emenda*

Għandu jkun stabbilit manwal għall-utenti, ***tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunità***, li jipprovdi gwida għall-użu tal-kriterji tal-Ekotikketta lill-awtoritajiet li jagħtu l-kuntratti pubbliċi.

Nota: Il-Kummissjoni se tipprovdi mudelli (*templates*) ***tradotti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunità*** għall-manwal għall-utenti għall-applikanti u għall-korpi kompetenti u għall-manwal għall-utenti għall-awtoritajiet li jagħtu l-kuntratti pubbliċi.

## *Ġustifikazzjoni*

*Jekk kemm il-manwal għall-utenti u kemm il-mudelli jiġu tradotti, dan jiffaċilita l-proċedura ta' applikazzjoni li n-negozji jridu jgħaddu minnha sabiex jiksbu l-Ekotikketta.*

### **Emenda 35**

**Proposta għal regolament  
Anness II - paragrafu 4 a (ġdid) (fi tmiem l-Anness II)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-kliem fuq l-Ekotikketta għandu jkun determinat mill-korpi kompetenti ta' kull Stat Membru bl-użu tal-lingwa jew lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru b'mod li t-test ikun ekwivalenti għall-oriġinali bl-Ingliż.***

## PROĊEDURA

|   |   |            |
|---|---|------------|
| <b>Titolu</b>   | Skema ta' Ekotikketta Komunitarja   |            |
| <b>Referenzi</b>  | COM(2008)0401 – C6-0279/2008 – 2008/0152(COD)   |            |
| <b>Kumitat responsabbli</b>   | ENVI  |            |
| <b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b><br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>2.9.2008  |            |
| <b>Rapporteur għal opinjoni</b><br>Data tal-ħatra                           | Nikolaos Vakalis<br>25.9.2008   |            |
| <b>Eżami fil-kumitat</b>  | 13.11.2008  | 11.12.2008 |
| <b>Data tal-adozzjoni</b>   | 20.1.2009   |            |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>                                       | +: 47   | –: 0       |
|   | 0:  | 0          |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>                              | Šarūnas Birutis, Jan Březina, Jerzy Buzek, Jorgo Chatzimarkakis, Giles Chichester, Dragoş Florin David, Den Dover, Lena Ek, Nicole Fontaine, Adam Gierek, Norbert Glante, Fiona Hall, Erna Hennicot-Schoepges, Mary Honeyball, Ján Hudacký, Romana Jordan Cizelj, Werner Langen, Anne Laperrouze, Pia Elda Locatelli, Patrick Louis, Eluned Morgan, Angelika Niebler, Atanas Papanizov, Aldo Patriciello, Francisca Pleguezuelos Aguilar, Anni Podimata, Miloslav Ransdorf, Vladimír Remek, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Mechtild Rothe, Paul Rübig, Patrizia Toia, Catherine Trautmann, Claude Turmes, Nikolaos Vakalis, Alejo Vidal-Quadras, Dominique Vlasto |            |
| <b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>                         | Pilar Ayuso, Juan Fraile Cantón, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Edit Herczog, Vittorio Prodi, Esko Seppänen, Silvia-Adriana Ţicău, Vladimir Urutchev  |            |